



Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2019/2083(DEC)

21.1.2020

OPINJONI

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implementazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Frontiera u tal-Kosta għas-sena finanzjarja 2018 (2019/2083(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Roberta Metsola

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbi, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jenfasizza r-rwol importanti tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Frontiera u tal-Kosta ("l-Aġenzija"), ġeneralment imsejħa l-Frontex, fil-promozzjoni, il-koordinazzjoni u l-iżvilupp tal-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri b'rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali;
2. Jilqa' l-fatt li l-Qorti tal-Audituri ("il-Qorti") iddikjarat li t-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2018 kien legali u regolari fl-aspetti materjali kollha u li l-pożizzjoni finanzjarja tagħha sal-31 ta' Diċembru 2018 hija ppreżentata b'mod ġust;
3. Jinnota li l-baġit tal-Aġenzija żdied bi ftit għal EUR 289 miljun (li tirrappreżenta żieda ta' 2 %), li minnhom EUR 171 miljun jew 59 % ġew assenjati għal ftehimiet ta' finanzjament ma' pajjiżi li jikkoperaw għal attivitajiet operazzjonal; ifakkar il-fatt li l-bord amministrattiv naqqas il-baġit inizjali għall-2018 b'EUR 31,5 miljun permezz ta' żewġ baġits emendantorji biex jissodisfa l-ħtiġjiet aktar baxxi marbuta mal-isfidi tar-reklutaġġ u l-iffrankar fl-oqsma ta' rendiment u rispons operazzjonal; ifakkar fil-fatt li l-objettiv ta' fruntieri aktar sikuri fl-Unjoni huwa essenzjali biex tīgi garantita s-sigurtà taċ-ċittadini tal-Unjoni u taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi;
4. Jisħaq dwar il-fatt li l-Aġenzija rnexxielha żżid il-persunal tagħha b'mod sostanzjali minn 526 għal 630 (li tirrappreżenta żieda ta' 20 %) fl-2018; jiddispjači, madankollu, li ma laħqitx l-ammont ta' 760 fpersunal li kien awtorizzat fil-pjan ta' stabbiliment għall-2018; jesprimi t-tħassib tiegħu dwar ir-rata għolja ta' dawran tal-persunal u d-diffikultajiet kontinwi li għandha l-Aġenzija biex issib kandidati adatti; jirrikonoxxi li l-koeffiċjent ta' korrezzjoni tas-salarju baxx jikkontribwixxi għal din il-problema u għalhekk jilqa' l-intenzjoni tal-Aġenzija li tikkunsidra miżuri soċjali biex tindirizza l-problema; ifakkar lill-Aġenzja dwar l-importanza li taderixxi mar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċċiali tal-Unjoni Ewropea u mal-Kondizzjonijiet tal-Impieg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea, li joffru l-flessibbiltà meħtieġa biex jitqiesu l-kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol li jipprevalu fl-Unjoni meta jiġu reklutati l-uffiċċiali, biex b'hekk jiġi indirizzati l-ħtiġjiet speċifiċi tal-istituzzjonijiet; jinnota li, anke wara talbiet ripetuti mill-Parlament, żdied il-persunal għall-Uffiċċjal għad-Drittijiet Fundamental ("FRO") u hu previst li jiġi reklutat aktar persunal; iħeġġeġ lill-Aġenzija tiżgura li l-FRO jingħata r-riżorsi u l-persunal adegwati, b'mod partikolari biex ikompli jiżviluppa u jimplimenta l-istrateġija tal-Aġenzija għall-monitoraġġ u l-iżgur tal-ħarsien tad-drittijiet fundamentali; jinnota li l-Qorti identifikat tendenza orizzontali fl-aġenziji fir-rigward tal-użu ta' persunal estern impiegat fi rwoli ta' konsulenza tal-IT; jappella biex tīgi indirizzata d-dipendenza fuq ir-reklutaġġ estern f'dan il-qasam importanti; jinnota l-isforzi tal-Aġenzija biex tippromwovi l-offerti ta' xogħol tagħha permezz ta' kanali ta' komunikazzjoni online u jistieden lill-Aġenzija tippubblika l-avviżi ta' postijiet battala fuq is-sit web tal-Uffiċċċeu Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal bil-għan li tiżdied il-viżibbiltà tagħhom;

5. Jinnota l-livell għoli kostanti tar-riporti għall-2019 (EUR 83 miljun jew 29 %) u tar-riporti baġitarji kkanċellati (EUR 11-il miljun jew 12 %), li kienu relatati mal-isfidi fl-ilħuq tal-pjan ta' stabbiliment, id-dewmien fit-tnedija tal-kostruzzjoni tal-binjet il-ġodda, in-natura pluriennali tal-proġetti tal-ICT u l-istima eċċessiva tal-iskala u l-ispīża ta' attivitajiet mill-pajjiżi li jikkoperaw; jesprimi t-tħassib tiegħu rigward il-parti tal-baġit li ma setgħetx tīgħi assorbita mill-Aġenzija minħabba l-aġġustamenti fl-iskjeramenti operazzjonali li seħħew lejn it-tmiem tas-sena finanzjarja 2018; jistenna li jkun hemm ġestjoni mtejba tar-riskju bid-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) 2019/1896¹; jistenna li l-Aġenzija u l-Istati li jikkoperaw itejbu l-estimi baġitarji tagħhom bil-għan li jnaqqsu r-riporti fl-2019; jilqa' l-fatt li l-Aġenzija adottat regoli ġodda dwar l-iżvelar ta' informazzjoni protetta, nediet skema ta' finanzjament simplifikata ġidha, introduċiet sistema ta' kontroll *ex post* li tkopri t-tipi kollha ta' nfiq u mmodifikat is-sistema tagħha ta' kontrolli *ex ante*; jiddispjači, madankollu, li mill-2014 il-Qorti konsistentement irrapportat li n-nefqa ddikjarata mill-pajjiżi li jikkoperaw mhijiex dejjem sostnuta mill-fatturi jew minn dokumenti ġustifikattivi oħra, iżda madankollu hija tīgħi rimborżata; jinnota l-miżuri meħuda mill-Aġenzija biex tindirizza din il-kwistjoni, iżda jħeġġeġ lill-Aġenzija tirrispondi b'mod adegwat għall-kummenti tal-Qorti dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet peress li n-nefqa relatata mat-tagħmir ammontat għal EUR 60 miljun jew 35 % tan-nefqa operazzjonali tal-Aġenzija fl-2018;
6. Jappella lill-Aġenzija tapplika ġestjoni finanzjarja rigorūza għall-kuntratti, inklużi verifikasi *ex ante* msaħħa u tintroduċi mill-ġdid verifikasi *ex post*, biex tiżgura li jiġu rimborżati l-ispejjeż sostanzjati biss, bil-għan li tīgħi evitata s-sitwazzjoni fejn ir-riżorsi finanzjarji allokati mill-baġit tal-Unjoni ma jitqassmux; ifakk lill-Aġenzija f'dan il-kuntest li, filwaqt li l-kuntratti qafas ma jirrikjedux li jsir xiri sal-valur massimu tal-kuntratt, id-differenza konsiderevoli bejn il-valur massimu tal-kuntratt fi proċedura ta' akkwist fl-2018 (EUR 8 miljun) u l-offerta rebbieħa (EUR 5,8 miljun), tista' toħloq riskju sinifikanti għall-ġestjoni finanzjarja tajba.
7. Jistieden lill-Aġenzija tieħu azzjoni korrettiva fir-rigward tal-osservazzjonijiet pendenti kollha tal-Qorti, inklużi l-adozzjoni u l-implementazzjoni ta' politika fil-qasam ta' postijiet sensittivi skont l-istandardi ta' kontroll intern tagħha stess;
8. Ifakk l-osservazzjoni tal-Qorti li, mill-2015, hemm riskju ta' finanzjament doppju mill-Fond għas-Sigurtà Interna, amministrat mill-Kummissjoni, u l-finanzjament tal-Aġenzija, li ma ġiex indirizzat; jitlob, għal dan il-għan, l-implementazzjoni ta' azzjonijiet korrettivi mingħajr aktar dewmien;
9. Jistieden lill-Aġenzija, mingħajr dewmien, tagħti segwitu għar-rakkomandazzjoni pendenti rigward l-akkwist elettroniku, jiġifieri l-introduzzjoni ta' sottomissjoni elettronika;
10. Jinnota n-nuqqas ta' informazzjoni dwar il-bilanċ bejn il-ġeneri fil-persunal tal-Aġenzija; itenni l-fatt li jeżisti żbilanċ sinifikanti persistenti bejn il-ġeneri fil-bord amministrattiv tal-Aġenzija; iħeġġeġ li dan l-iżbilanċ jiġi rimedjat mill-aktar fis-

¹ Ir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Frontiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624 (ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1).

possibbli; jistieden għalhekk lill-Aġenzija tfakkar b'mod proattiv lill-Istati Membri dwar l-importanza tal-bilanċ bejn il-ġeneri u jistieden lill-Istati Membri jiżguraw il-bilanċ bejn il-ġeneri fin-nomini tagħhom tal-membri ġħall-bord amministrattiv tal-Aġenzija;

11. Itenni l-appell tiegħu lill-Aġenzija biex tkun aktar trasparenti dwar l-attivitajiet tagħha; jilqa' l-ħolqien ta' taqsima ddedikata għall-aċċess pubbliku għad-dokumenti fuq is-sit web tagħha; iħeġġeġ lill-Aġenzija toħloq reġistru ta' dokumenti, li hija legalment obbligata li jkollha skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001²;
12. Iqis li l-Aġenzija għandha, b'mod proattiv, tipprovdi informazzjoni dwar l-attivitajiet operazzjonali tagħha; jistieden lill-Aġenzija tersaq quddiem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern biex tissodisa d-dmirijiet spċifici ta' rapportar tagħha fil-konfront tal-Membri tal-Parlament Ewropew billi tipprovdi aġġornamenti dettaljati regolari; jistieden lill-Aġenzija trendi disponibbli r-rapport dwar l-applikazzjoni prattika tar-Regolament (UE) Nru 656/2014³ għall-2018, hekk kif hija legalment obbligata li tagħmel, u biex tipprovdi aktar informazzjoni tangħibbli fil-futur biex tkun tista' ssir valutazzjoni xierqa tal-attivitajiet tal-Aġenzija fuq il-baħar.

² Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43).

³ Ir-Regolament (UE) Nru 656/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li jistabbilixxi regoli dwar is-sorveljanza tal-fruntieri esterni tal-baħar fil-kuntest tal-kooperazzjoni operazzjonali kkoordinata mill-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Kooperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 189, 27.6.2014, p. 93).

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	13.1.2020	
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: -: 0:	47 8 2
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Konstantinos Arvanitis, Malik Azmani, Pietro Bartolo, Nicolas Bay, Vladimír Bilčík, Vasile Blaga, Saskia Bricmont, Damien Carême, Caterina Chinnici, Tudor Ciuhodaru, Clare Daly, Lena Dupont, Cornelia Ernst, Sylvie Guillaume, Balázs Hidvéghi, Evin Incir, Sophia in 't Veld, Patryk Jaki, Assita Kanko, Fabienne Keller, Moritz Körner, Alice Kuhnke, Jeroen Lenaers, Juan Fernando López Aguilar, Roberta Metsola, Javier Moreno Sánchez, Maite Pagazaurtundúa, Kostas Papadakis, Nicola Procaccini, Emil Radev, Paulo Rangel, Terry Reintke, Ralf Seekatz, Michal Šimečka, Birgit Sippel, Sylwia Spurek, Tineke Strik, Ramona Strugariu, Tom Vandendriessche, Bettina Vollath, Ann Widdecombe, Elena Yoncheva, Javier Zarzalejos	
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Damian Boeselager, Patrick Breyer, Delara Burkhardt, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Monika Hohlmeier, Beata Kempa, Kris Peeters, Robert Roos, Miguel Urbán Crespo, Loránt Vincze, Petar Vitanov, Axel Voss, Maria Walsh	
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Lukas Mandl	

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

47	+
PPE	Vladimír Bilčík, Vasile Blaga, Lena Düpont, Balázs Hidvéghi, Monika Hohlmeier, Jeroen Lenaers, Lukas Mandl, Roberta Metsola, Kris Peeters, Emil Radev, Paulo Rangel, Ralf Seekatz, Loránt Vincze, Axel Voss, Maria Walsh, Javier Zarzalejos
S&D	Pietro Bartolo, Delara Burkhardt, Caterina Chinnici, Tudor Ciuhodaru, Sylvie Guillaume, Evin Incir, Juan Fernando López Aguilar, Javier Moreno Sánchez, Birgit Sippel, Sylwia Spurek, Petar Vitanov, Bettina Vollath, Elena Yoncheva
RENEW	Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Fabienne Keller, Moritz Körner, Maite Pagazaurtundúa, Michal Šimečka, Ramona Strugariu
VERTS/ALE	Damian Boeselager, Patrick Breyer, Saskia Bricmont, Damien Carême, Alice Kuhnke, Terry Reintke, Tineke Strik
ECR	Lucia Ďuriš Nicholsonová, Patryk Jaki, Assita Kanko, Beata Kempa

8	-
ID	Nicolas Bay, Tom Vandendriessche
ECR	Robert Roos
GUE/NGL	Konstantinos Arvanitis, Clare Daly, Miguel Urbán Crespo
NI	Kostas Papadakis, Ann Widdecombe

2	0
ECR	Nicola Proaccini
GUE/NGL	Cornelia Ernst

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni